KLR 24/VIII/2021

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar it-Tnejn, 5 ta' Lulju 2021 fil-17:00.

PREŻENTI: Is-Sindku Josef Schembri, il-Viċi Sindku Brian Azzopardi, il-membri Michel Buttigieg, Joseph Debrincat, Marcell Tabone, Charlie Hili u Maria Portelli u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

**24.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Wara t-talba ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

**24.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku għarraf lill-membri li:-

24.2.1 Il-Kunsill tar-Rabat ġie *shortlisted* fir-rigward l-espressjoni ta' interess li ssottometta dwar 'Il-Belt jew Raħal Kulturali għas-sena 2022'. Ser issir intervista lill-finalisti fosthom il-Kunsill tagħna.

24.2.2 Is-Sindku tenna li attenda għall-laqgħa fl-uffiċċju tar-Reġjun Għawdex fir-rigward tal-applikazzjoni reġjonali għall-Belt Kulturali Ewropea għas-sena 2031. Għal din il-laqgħa kien hemm preżenti l-President tar-Reġjun, l-Av. Samuel Azzopardi u Dr. Catherine Tabone, Direttur Eżekuttiv Valletta 2018 Foundation. F'din il-laqgħa ġie diskuss il-proċess li finalment ser iwassal għall-għażla tal-Belt Kulturali Ewropea tal-Kultura 2031.

24.2.3 kif qablu l-membri ġiet sottomessa l-applikazzjoni dwar l-iskema mnehdija mill-Minsteru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali dwar ingaġġ ta' Uffiċċjal tal-Komunita' 'Steward' għat-trattament xieraq tal-Annimali;

24.2.4 saret l-oġġezzjoni fuq PC50/17 permezz tal-Perit tal-Kunsill kif kien maqbul fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill;

24.2.5 saret laqgħa *onsite* mal-Perit ta' Transport Malta rigward il-*junction* ta' Triq Kerċem u Qasam San Ġorġ. Billi jitnaqqsu l-parkeġġi jekk ir-*round about* titħarrek minn kif inhi, sar qbil li din tiġi elevata sabiex tkun iktar imħarsa u jekk hu possibli titħarrek b'mod li ma jintmessewx parkeġġi;

24.2.6 hu u l-kunsilliera Tabone u Ħili u s-Segretarju Eżekutiv attendew għall-laqgħa li ntalbet mill-Arċipriet u l-amministrazzjoni tal-Bażilika ta' San Ġorġ, rigward il-proġett 'Fejnu hu ħuk? – Ħares id-dar komuni (Parroċċa San Ġorġ). Waqt din il-laqgħa saret preżentazzjoni u diskussjoni li kienet tirrigwardja l-ħajja tar-residenti li jgħixu madwar il-Bażilika u anke' parruċjani li jgħixu l-barra mill-Belt. Il-punt li qajjem l-aktar diskussjoni kien is-sitwazzjoni fil-preżent ta' Pjazza San Ġorġ fejn qed tinħonoq bl-armar ta' mwejjed, siġġijiet u umbrelel li jintużaw mill-istabilimenti tal-ikel li hemm fil-pjazza stess. Il-membri tal-Kunsill qablu li għandu jitqajjem dan il-punt mas-Sovrentendenza għall-Wirt Kulturali sabiex titqajjem kuxjenza dwar din is-sitwazzjoni.

24.2.7 Is-Sindku ressaq proposta sabiex il-Kunsill jesplora l-possibilita' li jagħmel *skate park* fil-*playing field* ta' Triq taħt Putirjal. Tenna li s-suġġeriment hu li titħammel l-*area* fejn hemm il-*BMX track* u ma tgħoliex aktar milli hi fil-preżent. Qal ukoll li l-i*skate park* m'għandiex ikollha *area* li tkun bit-trapp. Il-membri qablu mal-idea u għandu jinbeda l-proċess sabiex meta jinħarġu fondi li l-Kunsill ikun jista jibbenfika minnhom biex isir dan il-proġett, ikollu f'idejh il-proposta finali.

24.5.8 Dwar it-triq minn San Ġakbu sa Pjazza Savina li saret permezz tal-fondi tal-*ERDF 249: Setting an Integral, Archaeological and Historical Trail in Victoria*, is-Sindku għarraf lill-preżenti li l-Kunsill irrisponda l-ittra mibgħuta mill-Planning & Priorities Coordination Division sabiex jiġu spjegati r-raġunjiet għalfejn din il-parti tat-triq trid titranġa.

**24.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

24.3.1 id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward ċirkulari 5A/2021 dwar Politika għall-Gvern Lokali 2021 u direttiva 2/2021 dwar Contracts (Community Works) Managers;

24.3.2 ir-Reġjun Għawdex rigward Skema Reġjonali – Libreriji fil-Lokalita' 2021. Il-membri qablu li tiġi konsultata l-amministrazzjoni tal-Librerija Pubblika li għandna fi Pjazza San Franġisk sabiex jekk ikun possibili, timtela l-applikazzjoni sabiex din il-librerija tibbenefika minn dak li jista' għandha bżonn;

24.3.3 l-Assoċjazzjoni tan-Naħħala Malta. Qed jipproponu Memorandum ta' Ftehim dwar il-Ħaxix Selvaġġ. Dan minħabba li l-fjuri tal-ħaxix selvaġġ li ħafna minnhom jiffjorixxu fl-istaġun tar-rebbiegħa jservu ta' sors ta' nektar u pollen għal ħafna dakkara, fosthom in-naħla tal-għasel. Il-Kunsilli firmatorji jkunu qed jintrabtu li ma jneħħux il-ħaxix selvaġġ mill-passaġġi rurali sal-31 ta' Mejju ta' kull sena. Il-membri qablu li dan l-memorandum jiġi ffirmat minn naħa tal-Kunsill tar-Rabat;

24.3.4 George Mercieca, mis-Citadel Administration Office, Cultural Heritage Directorate fejn il-Kunsill ġie nfurmat li fl-2022 ser tiġi organizzata wirja viżiva bl-isem ‘On the Road’. Din ser tkun tagħti lok biex kull Kunsill Lokali jeżebixxi l-wirt tanġibbli jew intanġibbli tiegħu. Intalbet li ssir laqgħa u għaliha ser jattendu s-Sindku u l-Kunsillier Ħili;

24.3.5 il-Kumitat Olimpiku Malti fir-rigward ta’ ‘The Queen’s Baton Relay’ li ser tkun Malta bejn il-11 u l-14 t’Ottuburu 2021. Għall-okkażjoni il-membri qablu li jiġi suġġerit li tiġi orgnaiżżata relay li fiha jipparteċipaw atleti Rabtin li jkunu jakkumpanjaw din il-ġirja;

24.3.6 Dr Alex Borg li kiteb għan-nom ta’ Saviour Rapa li għandu trakk tal-ġelat u jixtieq jarmah fil-parkeġġ il-kbir ta’ wara l-*bus terminus*. Ġie suġġerit sit alternattiv u l-membri qablu dment li s-sid jimxi mar-regolamenti tal-liċenzja, t-trakk ma jkunx ta’ ostaklu għall-vetturi oħra, traffiku u l-pedonali, it-trakk irid jitneħħa kull lejl u il-post jitħalla nadif. Din in-*no objection* tista’ tiġi revokata f’kull ħin.

### 24.4 *‘New Energy efficent lighting system for St George’s Square and the old streets within the City Centre in Victoria, Gozo.’* LCF/16/2020 – *update*

Il-bord ta’ evalwazzjoni kkonkluda r-rapport rigward l-offerti li ntefgħu. Ħadd mill-offeranti ma kien *compliant* u l-membri qablu li terġa tinħareġ offerta oħra.

### 24.5 Restawr tal-istatwi taz-zuntier tal-Kunvent ta’ Santu Wistin u San Ġorġ tal-Ħaġar.

Il-bord ta’ evalwazzjoni kkonkluda r-rapport rigward l-offerta li ntefgħet. L-offerant hu Taljan u ressaq diversi ċertifikati ta’ xogħol li għamel. Il-bord innota li m’għandux *warrant* ta’ Malta u l-membri qablu li għandu jingħata xahar sabiex jippreżenta din il-*warrant*.

### 24.6 Immaniġjar tat-traffiku

*Transport Malta* (TM) approvat:-

24.6.1 *traffic mirror* fi Triq Sir Adrian Dingli faċċata tat-Telgħa tal-Belt;

24.6.2 *traffic mirror* fi Triq Kerċem faċċata tal-garaxx ta’ Richard Attard;

24.6.3 estensjoni ta’ *un/loading bay* eżistenti fi Pjazza President J.F. Kennedy quddiem ‘Maypole’;

TM m’approvatx:-

24.6.4 spazju *un/loading* għall-bdiewa fuq il-bankina fi Triq ta’ Pinu. Dan peress li bankina ma tistax tiġi ostakolata minħabba l-periklu.

Intalab il-permess ta’ TM għall-

24.6.5 parkeġġ risevat għar-Reġjun Għawdex fi Triq l-10 ta’ Ġunju, 1887;

24.6.6 *one metre double yellow line* biswit il-garaxx ta’ Lucy Sciberras, ‘Għall-Kenn tal-Mitħna’, Flat 1 fi Triq Ġużeppi Spiteri;

Korrispondenza relatata mat-traffiku

24.6.7 Sidien tal-ħwienet ta’ Pjazza Indipendenza u Pjazza San Ġorġ talbu li ssir *un/loading bay* fi Pjazza Indipendenza. Il-membri qablu li jiġi suġġerit lill-TM sabiex titieħed kaxxa li hi riservata għat-*taxis* u tiġi konvertita f’ din l-*un/loading bay*.

24.6.8 Mill-Minsteru għall-Enerġija, Intrapriża u Żvilupp Sostenibbli, l-Kunsill ġie mgħarraf li ser jitpoġġew żewġ *charging pillars* fil-parkeġġ iż-żgħir ta’ Triq Ġorġ Olivier u fil-parkeġġ ta’ wara l-Ministeru għal Għawdex

24.6.9 Il-Kunsill talab lil TM sabiex jinżebah *single yellow line* quddiem il-garaxxijiet li hemm fi Trejqet l-Exchange.

24.6.10 Il-Kunsill ġibed l-attenzjoni ta’ TM fir-rigward tal-*crash barriers* li saru mal-wied il-Lunzjata fuq talba tal-Kunsill ta’ Kerċem. Dawn saru b’mod li l-ilma tax-xita m’għadx baqalu ħafna minn fejn jgħaddi.

**24.7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

Ġew approvati l-pagamenti għax-xahar ta’ Lulju 2021 skond dokument A anness.

**24.8 Xogħlijiet oħra**

**24.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa spiċċat fis-19:30 u laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 9 t’Awwissu 2021, fil-17:00.

Josef Schembri
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv